Prim Ministru

Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar

Chairperson,

Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi

A.L ----- tal-2021

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT**

**(KAP. 549)**

**Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u r-Rimedjar ta' Danni Ambjentali**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**Titolu.**

**L.S. 549.97.**

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u r-Rimedjar ta' Danni Ambjentali u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u r-Rimedjar ta' Danni Ambjentali, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

**Jemenda ir-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.**

**2.** Ir-Regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emmendat kif ġej:

(a) Is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament li ġej:

"(1) Persuna fiżika jew ġuridika –

(a) li hija milquta jew x'aktarx tkun milquta minn dannu ambjentali; jew

(b) li għandha interess suffiċjenti fid-deċiżjonijiet dwar l-ambjent li għandhom x'jaqsmu mad-dannu; jew alternattivament,

(ċ) li tallega it-tfixkil ta' dritt kif jemani minn liċenza jew permess validu,

għandha jkollha jedd li tissottometti lill-awtorità kompetenti kwalunkwe osservazzjoni li għandha x'taqsam ma' każijiet ta' dannu ambjentali li tkun taf bihom u jkollha jedd ukoll li titlob lill-awtorità kompetenti tiegħu passi skont dawn ir-regolamenti."

(b) Fil-proviso tas-subregolament (2) tiegħu, il-kelma "tippromwovi" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "hija inkorporata bl-għan li tippromwovi", u immedjatament wara l-kliem "subregolament (1)(b).", għandhom jiżdiedu l-kliem "Tali organizzazjonijiet mhux governattivi għandhom ukoll jitqiesu li għandhom drittijiet li jistgħu jiġu mfixkla għall-fini tas-subregolament (1)(ċ)."

(ċ) Fis-subregolament (3) tiegħu, immedjatament wara l-kelma "msemmi", għandhom jiżdiedu l-kliem ", inkluż evidenza biex tissostanzja l-allegat tfixkil jekk it-talba issir skont is-subregolament (1)(ċ)."